Onorevoli Membri,
Rappreżentanti tal-Università ta' Malta,
Membri tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u t-Teknoloġija,
u membri tal-istaff parlamentari,
kollegi,

Nixtieq nibda billi nirringrazzja lill-membri tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u t-Teknoloġija għall-viżjoni u r-responsabbiltà li wrew meta ressqu quddiem il-Kamra l-ħtieġa li dan is-suġġett jiġi indirizzat b'mod serju u strutturat. Nirrikonoxxi wkoll it-tmexxija tal-Onor. Ray Abela, li mexxa din il-ħidma b'determinazzjoni u bilanċ fi żmien ta' trasformazzjoni teknoloġika mgħaġġla. It-twaqqif ta' dan il-Kumitat juri li l-Parlament tagħna ma jsegwix il-bidla – iżda jantiċipaha.

Illum m'aħniex miġbura biss għal sessjoni ta' taħriġ, iżda għal mument ta' riflessjoni istituzzjonali meħtieġa. L-Intelliġenza Artifiċjali m'għadhiex suġġett limitat għall-ambitu akkademiku; hija realtà li qed tinfluwenza l-governanza, issawwar il-proċess leġiżlattiv u tħalli impatt dirett fuq il-mod kif is-servizz pubbliku jaqdi dmiru.

Dan il-workshop huwa investiment fil-kapaċità tagħna – kemm bħala Membri kif ukoll bħala staff parlamentari. Li nifhmu x'inhi u x'implikazzjonijiet għandha l-Intelliġenza Artifiċjali m'għadiex opzjoni, iżda kundizzjoni essenzjali għal min għandu r-responsabbiltà li jfassal, janalizza u jissorvelja l-liġijiet. Parlament infurmat u staff kompetenti huma l-bażi ta' skrutinju effettiv.

Bħala leġiżlaturi, ir-responsabbiltà tagħna mhijiex biss li nifhmu kif din it-teknoloġija qed tbiddel id-demokrazija, iżda li niżguraw li d-demokrazija tistabbilixxi l-limiti u d-direzzjoni tagħha.

Fil-kuntest Ewropew, l-adozzjoni tal-Artificial Intelligence Act fl-2024 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara proposta tal-Kummissjoni Ewropea, stabbiliet qafas regolatorju bbażat fuq ir-riskju, b'rekwiżiti aktar stretti għal sistemi ta' riskju għoli. Fl-istess waqt, il-Konvenzjoni - Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem tqiegħed il-ħarsien tad-dinjità u d-drittijiet fundamentali fiċ-ċentru tal-iżvilupp teknoloġiku.

L-Intelliġenza Artifiċjali toffri opportunitajiet sinifikanti: tista' ssaħħaħ it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza, ttejjeb l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u tiffaċilita l-analiżi ta' testi kumplessi. Iżda ma nistgħux ninsew id-dimensjoni etika. Is-sistemi mhumiex newtrali; jirriflettu d-dejta u l-għażliet ta' min joħloqhom. Il-preġudizzju algoritmiku, il-protezzjoni tad-dejta u s-superviżjoni umana għandhom jibqgħu fiċ-ċentru tad-diskussjoni tagħna.

F'era fejn teknoloġiji bħad-deepfakes jistgħu jheddu l-fiduċja pubblika, il-Parlament ma jistax ikun osservatur passiv. Għalhekk il-Parlament irid jibqa' l-gwardjan tal-valuri demokratiċi fl-era

diġitali, u jiżgura li l-iżvilupp teknoloġiku ma jissuperax ir-regolamentazzjoni u li l-effiċjenza ma tiġix a skapitu tad-drittijiet.

Din l-inizjattiva mhijiex simbolika. Hija investiment dirett fil-kompetenza istituzzjonali tagħna u dikjarazzjoni ċara li l-Parlament ta' Malta huwa preparat biex jindirizza l-isfidi tal-era diġitali b'serjetà u responsabbiltà.

Fl-aħħar mill-aħħar, dan kollu jirrigwarda l-fiduċja. L-Intelliġenza Artifiċjali hija għodda qawwija – jekk issir strument ta' progress jew sors ta' riskju jiddependi mill-għażliet li nagħmlu llum. Għalhekk ntenni u nessiġi li għandna niżguraw li, fl-era diġitali, id-demokrazija tibqa' mibnija fuq il-bniedem, iggwidata mil-liġi u mħarsa mill-istituzzjonijiet tagħha.

Grazzi.